# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI  TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Hamis tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar 2017**

**Rikors Numru 386/14 FDP**

**Leo Brincat**
**(ID 861749M)**

**vs**

**Nathaniel Attard** bhala editur tal-gazzetta 'In-Nazzjon'

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fis 27 ta' Novembru 2014 fejn ir-rikorrent, filwaqt illi ghamel referenza ghall artikolu illi deher fil-harga tas-26 ta' Novembru 2014 intitolat '***Nefaq €1 miljun fuq titjiriet f'19-il xahar***', talab lill-Qorti tiddikjara tali artikolu w il-kontenut tieghu bhala libelluz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti peress illi jirrappresenta fatti invertijeri u intizi sabiex itellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tieghu, u ghalhekk l-intimat ghandu jigi kkundatta ihallas danni a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikolu meritu tal-kawza odjerna, illi, hdejn ritratt kbir tar-rikorrent u taht it-titolu '**Nefaq €1 miljun fuq titjiriet f'19-il xahar**'  kien jghid is-segwenti:

> *Il-Ministeru responsabbli mill-Ambjent immexxi minn Leo Brincat s'issa sewa li lill-poplu Malti €1 miljun f'titjiriet biss ghas-safar tal-Ministru u d-delegazzjoni tieghu kemm ilu l-Partit Laburista fil-Gvern.*
>
> *Dan l-ammont jidher li huwa biss ghat-titjiriet tal-Ministru u d-delegazzjonijiet li mexxa kull darba li siefer fl-ahhar 19-il xahar, u ma jinkludix l-ispiza ta' kull safra.*
>
> *S'issa l-Ministru ghadu ma jridx iwiegeb mistoqsija parlamentari li saritlu dwar dan is-suggett, u kull darba li gie mistoqsi wiegeb li l-informazzjoni ghadha qed tingabar. Madankollu, dan il-gurnal hu infurmat li din l-informazzjoni ilha li ngabret, tant li giet mghoddija lilna minn sorsi fil-Ministeru u llum qeghdin nippublikawha. Issa ilu ftit jiem*

*mhux hazin li d-Deputat tal- PN Marthese Portelli staqsiet fil-Parlament lill-Ministri kollha tal-Kabinett tal-PM Joseph Muscat biex jaghtu dettalji dwar 1-ispiza li ghamlu f'safar minn Marzu 2013 lil hawn.*

*Minn dawn tmienja wiegbu imma sebgha ohra qalu li-informazzioni ghadha qed tigi migbura, fosthom il-Ministru Leo Brincat.*

*Madanakollu, 'In-Nazzjon' hi infurmata li l-informazzjoni f'idejn Leo Brincat, imma ghal xi raguni, s'issa ghadu ma wegibs il-mistoqsija parlamentari li saritlu u ma poggiex id-dettalji fuq il-mejda tal-Kamra.*

*Jirrizultalna li minn dawn il-miljun euro f'titjiriet ghas safar f'inqas minn sentejn, ftit aktar minn €140,000 intefqu f'titjiriet li nxtraw minghtand 1-agenzija tal-ivvjaggjar tal-GWU, l-Untours. Imbaghad kien hemm kwazi €860,000 li ntefqu biex inxtraw biljetti tal-ajru minghand Bianchi Travel u minghand il-kumpanija Tristar. Il-kumplament kienu ammonti zghar li ntefqu ghand agenziji differenti.*

Rat ir-risposta ta' l-intimat ippresentat fit-18 ta' Dicembru 2014 fejn sahaq is-segwenti:

1. Illi l-kontenut tal-artikolu lamentat mhux libelluz u/jew malafamanti fil-konfront tar-rikorrent u ma jirrapprezentax fatti inveritjeri u ghalhekk, ma kienx intiz sabiex itellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tal-attur.

2. Illi l-kontenut tal-artikolu lamentat jikkonsisti biss f'fatti verifikabbli u kummenti dwar kwistjonijiet fl-interess pubbliku dwar persuna pubblika li ghalhekk, jikkonsistu fair comment, kritika accettabbli f'socjeta demokratika u ezercizzju tal-liberta tal-espressjoni sancita, inter alia, mill-Kostituzzjoni ta' Malta u 1-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Semghet ix-xhieda tar-rikorrent l-**Onorevoli Ministru Leo Brincat** moghtija fit-12 ta' Marzu 2015 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita, ossija id-Domanda Parlamentari Nru 12104 illi saret fl-10 ta' Novembru 2014 u li taghha inghatat risposta fid 9 ta' Dicembru 2014 (fol 16).

Semghet ix-xhieda ta' **Dennis Buttigieg**, Direttur ghas-Servizzi Korporattivi fi hdan il-Ministeru ta' Zvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil tal-Klima, moghtija fit 12 ta' Marzu 2015 u fl-14 ta' Mejju 2015 in ezami u kontro ezami u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita, ossija invoices u t-tabelli illi kienu gew esebiti mad-Domanda Parlamentari Nru 12104.

Rat illi fl-14 ta' Mejju 2015 ir-rikorrent iddikjara illi ma' kellux aktar provi x'jippresenta.

Rat illi fis-27 ta' Ottubru 2016, wara seba differimenti ghall-produzzjoni tal-provi tal-intimat, l-intimat iddikjara illi ma kellux provi x'jippresenta.

Semghet it-trattazzjoni orali ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fis 16 ta' Jannar 2017, wara liema trattazzjoni il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi, meta giet ippubblikata l-istorja meritu tal-kawza odjerna, ossija is 26 ta' Novembru 2014, ir-rikorrent kien il-Ministru responsabbli ghall-Ministeru ta' Zvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil tal-Klima.

Jirrizulta illi fl-10 ta' Novebru 2014 kienet saret Domanda Parlamentari da parte tal-Onor Claudette Buttigieg, illi kienet tghid is-segwenti:

> *B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 11019, minħabba li l-ispejjeż għas-safar jittieħdu minn fondi pubbliċi mħallsa mill-poplu u minħabba li l-Prim Ministru wiegħed Gvern trasparenti, jista' l-Ministru jwieġeb u jgħid, minn Marzu 2013 sal-lum kemm-il darba siefer, għal liema konferenza, għal kemm ġranet u kemm kienet in-nefqa ta' kull vjaġġ u n-nefqa totali fuq l-ivvjaġġar? Minn min kien akkumpanjat u x'kienet il-kariga tal-persuni li siefru miegħu? Jista' jgħid ukoll jekk il-booking tat-titjiriet u lukandi sarux permezz ta' aġenziji tal-ivvjaġġar? Jekk iva, liema huma dawn l-aġenziji? Kien hemm sejħa għall-kwotazzjonijiet jew saru b'direct order?*

Jirrizulta illi fid 9 ta Dicembru 2014, ir-rikorrent irrisponda ghal tali domanda bis-segwenti risposta:

> *Nirringrazzja lill-Onor. Buttigieg talli tagħtni l-opportunita` nelenka s-safar li jien għamilt minn Marzu 2013 'l hawn.*
>
> *Qed inpoggi fuq il-Mejda tal-Kamra żewġ tabelli. Tabella B bl-informazzjoni mitluba mill-Onor. Buttigieg u Tabella A li turi lista ta' 63 stedina għal safar biex nattendi konferenzi li jiena għażilt li nirrifjuta bħala Ministru minħabba raġunijiet ta' finanzi pubbliċi.*
>
> *Dan juri b'mod ċar x'baħar jaqsam hemm bejn l-allegazzjonijiet infondati u malinni li ġew ippubblikati fil-ġurnal in-Nazzjon din il-ġimgħa fejn ġie allegat li jien flimkien mad-delegazzjonijiet li mexxejt infaqna miljun ewro f'biljetti ta' safar f'dawn l-aħħar 19 –il xahar.*
>
> *Tajjeb li wieħed jinnota li spiża li żgur kellu jiffaċċja l-Ministeru bħala Ministeru sħiħ u mhux is-Segretarjat tiegħi mal-ewwel jum tagħna fil-Gvern, kienu l-kontijiet pendenti ta' biljetti tal-ajru li ħalla warajh l-Onor. George Pullicino fil-Ministeru tiegħu, li skont l-informazzjoni li nġabret kienu jammontaw għal ċirka €170,000, liema spiża tħallset kollha f'dawn l-aħħar 19 –il xahar.*
>
> *Kif tixhed il-kompożizzjoni tad-delegazzjonijiet li mexxejt jien, f'għadd ta' każi kien hemm uffiċjali tal-MEPA, MRA u Permanent Rep. Office ta' Brussell fejn l-ispejjeż kollha ġew imħallsa mill-Ministeru tiegħi.*
>
> *Dan jikkontrasta bil-kbir ma' dak li kien isir fl-imgħoddi fejn spiss kienu ntefqu spejjeż relatati ma' safriet Ministerjali minn fuq il-MEPA barra li f'ċerti każi oħra bħal per eżempju fil-każ tal-Konferenza tal-Iżvilupp Sostenibbli li saret f'Rio de Janiero f'Ġunju tal-2012 fejn minn delegazzjoni ta' 8 uffiċjali kien ħareġ ċar li l-Malta Tourism Authority (MTA) spiċċat ħallset il-fuq minn €12,000 għall-akkomodazzjoni tad-delegazzjoni mmexxija mill-ex Ministru Demarco għal konferenza ambjentali li ma kellha xejn x'taqsam mat-turiżmu.*
>
> *Biex nikkonferma dan għandi f'idejja email li ser inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra, tal-ex CEO tal-Malta Tourism Authority Josef Formosa Gauci, indirizzata lis-Segretarju Permanenti ta' dak iż-żmien Peter Portelli (MTCE) – Tabella Ċ – fejn qallu li mhux sewwa li l-MTA għad għanda bilanċ kbir ta' pagamenti x'tirkupra mill-Ministeru ta' Dr. Demarco talli kellha tagħmel tajjeb għall-vjaġġi tal-Ministeru tiegħu.*

Jirrizulta illi mit-tabelli impoggija fuq il-Mejda tal-Kamra tar-Rappresentanti, bejn l-20 ta' Marzu 2013 u l-5 ta' Novembru 2014, ir-rikorrent kien siefer fuq xoghol 21 darba bi spiza totali ta' €143,360.4, illi minnhom €82,140.66 kienu jirrelataw ma' biljetti ta' l-ajru u €61,219.68 kien jirrigwardaw spejjez ohra.

Jirrizulta illi l-intimat qatt ma deher quddiem dina l-Qorti u wisq anqas ma ressaq ebda tip ta' provi in sostenn ta' l-allegazzjoni minnu maghmuha illi fi 19-il xahar, ir-rikorent kien "Nefaq €1 miljun fuq titjiriet" kien indika f'titolu b'tipi kbar l-intimat.

**Ikkunsidrat**

Mid-dokumentazzjoni esebita mir-rikorrenti, jirrizulta mhux kontradett illi, a differenza ta' dak allegat mill-intimat, l-ispejjez ghat-titjiriet tar-rikorrenti fuq periodu ta' 19-il xahar kienu attwalment €82,140.66 u mhux miljun.

Jirrizulta wkoll, mill-provi prodotti quddiem dina l-Qorti, illi d-domanda illi saret lir-rikorrent, kienet attwalment saret ftit gimghat qabel ma giet ippubblikata l-istorja meritu tal-kawza odjerna.

Ma jirrizultax illi, wara il-pubblikazzjoni ta' l-informazzjoni kif imqieghda fuq il-Mejda tal-Kamra, saret xi pubblikazzjoni da' parte ta' l-intimat fejn l-istorja meritu tal-kawza odjerna giet korretta.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-intimat, fid-difiza tieghu, iqajjem l-argument illi dak minnu hemm irrapurtat kien 'fair comment', u ghalhekk ma setax jitqies bhala libelluz.

Dwar l-principji tad-difiza tal-'*fair comment*' **Gatley on Libel and Slander** jghid:

> *To succeed in a defence of fair comment the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If, however, the plaintiff can show that the comment was not made honestly or was actuated by malice, he will defeat the plea.*

Fil-kawza **Dr Louis Galea vs Etienne St John u Felix Agius** deciza fit 30 ta' April 2015, tali principji gew minnha mhaddna u spjegati kif gej :

> *... dwar l-aspett tad-difiża tal-kumment ġust ilu żmien jingħad mill-Qrati tagħna li, biex id-difiża tal-kumment ġust tkun tgħodd, jeħtieġ li min jistrieħ fuqha jseħħlu juri li (a) l-kumment kien imsejjes fuq fatt li jkun issemma fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment; (b) il-fatt imsemmi jrid ikun sostanzjalment minnu; (ċ) il-kumment irid jintwera li jkun ġustifikabbli jew misthoqq; (d) il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żebliħ, tgħajjir jew insolenza; u (e) irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u li l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma saritx b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun.*

Tali taghlim huwa anke riflessa fil-kawza **Spiller vs Joseph** deciza mill-Qorti tal-Appell Ingliza fl 1 ta' Dicembru 2010, fejn Lord Phillips ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet meta wiehed iqis id-difiza ta' 'fair comment':

> *... defendant had to establish that: (i) the words complained of were comment; (ii) the comment was on facts; (iii) the facts commented on constituted a matter of public interest; (iv) the comment was objectively "fair"; that is the comment was one that was capable of being honestly founded on the facts to which it related, albeit by someone who was prejudiced and obstinate; (v) the comment represented the defendant's honest opinion. If he discharged all these burdens, the defence could none the less be defeated by proof of malice on the part of the defendant, but the onus of proving malice lay on the plaintiff. Both the Court of Appeal and the House of Lords held that there was no burden on the defendant to establish the fifth element. The defendant's honesty was assumed unless the plaintiff could disprove it by establishing malice.*

Finalment, dwar il-kuncett ta' '*value judgment*', il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, fil-kawza **Jerusalem vs Austria** (2003) EHRR 567,para 43, tghid is-segwenti:

> *... even where a statement amounts to a value judgment, the proportionality of an interference may depend on whether there exists a sufficient factual basis for the impugned statement, since even a value judgment may be excessive if it has no factual basis to support it ."*

Jirrizulta car, ghalhekk, mill-gurisprudenza fuq imressqa, illi hemm sabiex id-difiza ta' '*fair comment*' u '*value judgment*' tirnexxi, irid jigi ppruvat illi dak allegat huwa bbazat fuq fatti sostanzjalment veri.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi l-istorja pubblikata mill-intimat fuq il-gazzetta 'In-Nazzjon' fis 26 ta' Novembru 2014 kienet ibbazata fuq fatti inveritjeri, stante illi l-ispejjez tat-titjiriet kienu jammontaw ghal ftit aktar minn €82,000 u mhux €1 miljum, kif allega l-intimat.

Jirrizulta wkoll illi l-intimat ma ressaq ebda tip ta' prova sabiex jipprova jiggustifika l-pubblikazzjoni ta' l-istorja tieghu u ghalhekk il-Qorti ma tistax hlief tasal ghall-konkluzjoni illi l-istorja ma kienetx ibbazata fuq fatti sostanzjalment korretti, u ghalhekk ghandha titqies bhala libelluza u malafamanti fil-konfront tar-rikorrent.

Il-Qorti tosserva illi filwaqt illi huwa principju ben stabbilit illi l-gurnalisti w il-mezzi tax-xandir ghandhom jitqiesu bhala 'public watchdog' ghall-azzjonijiet illi jaghmlu l-politici, madanakollu, kif gie osservat mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza '**Sylvana Debono vs Alexander Farrugia**', deciza fis-27 ta' Jannar, 2016.

> *Id-dritt tal-liberta tal-espressjoni m'huwiex licenzja biex thammeg ir-reputazzjoni ta' haddiehor u mbaghad tipprova tistahba wara dan id- dritt.*

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi prodotti u

Wara li semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat,

**Tiddikjara** l-artikolu ippubblikat fil-gazzetta '**In-Nazzjon**', l-Erbgha, 26 ta' Novembru 2014, intitolat '***Nefaq €1 miljun fuq titjiriet f'19-il xahar***' bhala libelluz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk

**Tikkundanna** lill-intimat, bhala editur tal-gazzetta In-Nazzjon, ihallas lir-rikorrent is-somma ta' tlett elef Euro (€3,000) in linea ta' danni a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 248.

Spejjez tal-proceduri odjerni u imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv kollu a kariku ta' l-intimat.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur